TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Joseph Perrone

vs

M.Demajo (Timber) Ltd.

CCT. 122/16/MS

24 ta' April 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-14 ta' Gunju 2016, fejn talab ir-rifuzjoni ta' €634.99, prezz ta' parquet li xtara minghand is-socjeta' intimata, liema parquet gie mibdul darbtejn ghax inqasam.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata ipprezentata fit-18 ta' Lulju 2016 fejn eccepiet li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ukoll li l-qsim hu rizultat ta' installazzjoni hazina, liema stallazzjoni ma saritx mis-socjeta' intimata.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi ghall-habta ta' Ottubru jew Novembru 2014, l-attur xtara kwantita ta' *parquet* minghand is-socjeta' konvenuta ghall-prezz ta' €604.99 (ara invoice 30 ta' Ottubru 2014). Peress li l-attur dehrlu li kellu t-teknika sabiex iwahhal l-*parquet* hu, dana ghamlu f'Marzu tat-2015 u skond hu, ma kien xejn difficli biex jitqieghed. Ta' min ighid pero' illi l-attur ma nehhiex l-ghamara kollha li kien hemm fil-kamra minhabba diffikultajiet ta' *wiring* qabel ma installa l-*parquet*, u dana qieghdu madwar l-ghamara li gia kellu fil-kamra.

L-attur ighid li wara xi xahar u nofs jew hames gimghat, il-*parquet* beda' jfaqqa'. Kien ghad fadallu xi kaxxa li uzaha, pero' ma servitux u xtara zewg kaxxi ohra ghall-ammont ta' €30.00 (ara invoice datata 8 ta' April 2015). Pero' il-*parquet* rega' tela'. Mar ix-*showroom* tas-socjeta' konvenuta biex

jilmenta dwar din s-sitwazzjoni, f'Gunju 2015. Is-socjeta' konvenuta baghtet lavrant biex jispezzjona x-xoghol u dan issuggerixxa li l-parquet kollu kellu bzonn jinbidel ghax kien nieqes minn hafna affarijiet bhal mincotti u kien maqsum minn taht. L-attur ma riedx jidhol f'din l-ispiza. Eventwalment gie fuq il-post lavrant tas-socjeta' konvenuta li beda jaghmel xi xoghol rimedjali fil-presenza ta' Alex Sant Fournier, ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta. Kien hawnhekk li s-sur Sant Fournier ghadda kumment illi l-*parquet* ma kienx twahhal sew. Skond l-attur, il-lavrant kien qed iwahhlu bl-istess mod kif kien qed iwahhlu hu. Fil-fatt, xi zmien wara SantFournier baghat espert, li skond l-attur beda jwahhal il-*parquet* bl-istess mod kif kien wahhlu hu u l-lavrant. Fl-ahhar l-attur ma kienx kuntent mis-servizz li gie moghti mis-socjeta' konvenuta u spicca biex adixxa lil dan it-Tribunal sabiex jiehu lura l-flus illi hallas ghal dan il-*parquet.*

Illi, kontro-ezaminat, pero', l-attur jikkonferma li meta kien gie l-espert fuq il-post, kien qallu illi jekk ma jnehhix l-ghamara kollha mill-kamra, kien ser ikollu l-problemi, ghax il-*parquet* jibqa' mibrum, izda l-attur ighid illi hu insista illi din l-ghamara ma tinqalax. Ighid ukoll "naqbel li meta inqala l-parquet u poggew wiehed gdid ..... kont imwissi illi ha jerga' jigri l-istess peress illi ma kontx nehhejt l-ewwel parti".

Xehed ukoll il-lavrant Glenn Azzopardi illi kien mar fuq il-post u nduna illi l-*parquet* ma kienx qieghed jikklippja dritt u jidhol kif suppost. Irrejalizza illi l-ewwel bicciet ta' *parquet* li tqieghdu (is-sieq) ma kienux dritti u ghalhekk kien avza lis-sid illi biex tissolva l-problema, kellu jinqala' kollox u jerga' jitwahhal mill-gdid. L-attur ma riedx jiehu dan il-parir. Azzopardi kien qal lil Sant Fournier li dak ix-xoghol kollu li kienu ser jaghmlu kien kollu ghal xejn. Azzopardi kien accetta li jkompli bix-xoghol, ghax fl-ahhar mill-ahhar, id-dar kienet tal-attur u hu jikkmanda u ghalhekk ghad fuq l-istruzzjonijiet tieghu. Ma ta l-ebda garanzija fuq dan ix-xoghol li ghamel.

Alex Sant Fournier ikkonferma li l-attur xtara *laminate flooring* minghand is-socjeta' konvenuta u pogga l-parquet hu stess, fuq insistenza tieghu. Xi sitt xhur wara, l-attur kien irrapurtalu li l-*parquet* kien qed jinqasam u kien difettuz. Meta mar fuq il-post sab illi l-gonot kienu mtellghin u miftuhin u seta' jinduna li s-sieq ma kienux *in line* u dan ikkawza l-hsara li kien hemm. Ix-xhud ghamilha cara li l-problema kienet fl-ewwel bicca illi kien qieghed l-attur stess madwar is-*surround system* u jekk din ma tinqalax u terga' ssir mill-gdid, il-problema ma kenitx ser tissolva. L-attur irrifjuta li jiehu dan il-parir u jnehhi s-*surround system.* Ghalhekk meta rega' tqieghed il-parquet mill-gdid, il-hsara regghet immanifestat ruhha u s-sitwazzjoni giet l-istess.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ra s-sentenza imsemmija mir-rikorrent fin-nota tas-sottomissjonijiet tieghu, li pero' ma hija ta' l-ebda konfort ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza. L-ewwel nett il-ghaliex ic-cirkonstanzi huma ferm differenti u t-tieni ghaliex il-konvenut kien kontumaci fejn allura l-argumenti tat-Tribunal kellhom ikunu ferm differenti minn dawk ta' dan il-kaz kif preseduta. Barra minn hekk, mill-lat legali dan it-Trubunal ma jaqbel xejn mal-konkluzjonijiet mahluqa fis-sentenza imsemmija.

Huwa principju fondamentali ta' kull procediment civili illi l-attur irrid jipprova fuq bazi ta'

probabbilita', illi l-argument tieghu irreggi u t-talba jisthoq li tkun milqugha.

Fil-kaz in ezami, l-unika prova li l-attur Perrone gab in sostenn tat-talba tieghu hija li l-*parquet* gratlu hsara u din il-hsara grat wara li l-attur stess qiegħed il-parquet. L-attur jallega illi il-parquet kellu xi diffett mal-konsenja. Dan ma giex ippruvat. Anzi it-Tribunal huwa konvint illi *l-parquet* ma kellu l-ebda diffett meta gie konsenjat lill-attur. Ukoll huwa konvint illi l-hsara tirrisali ghall-mod kif tqieghed il-parquet. L-attur gie imwissi ghall-aktar minn darba illi s-sieq illi fuqu jkun marbut il-parquet kollu tal-kamra ma kienx qieghed sew. Madankollu baqa' jirrifjuta illi jbiddilhom jew imisshom. L-attur ighid illi huwa bniedem tekniku, pero ta' dan ma gab ebda prova ta' dan. Veru illi t-*tqeghid* tal-parquet forsi mhuwiex daqshekk difficli, imma teknika jrid ikollok dejjem, specjalment ghall-ewwel bicciet u jidher li l-attur ma kellux it-teknika necessarja sabiex jassigura illi t-tqeghid tal-ewwel bicciet isir skond l-arti u s-sengha. Fi kliemu stess, meta gie moghti parir kif kellu jqieghed dawn il-bicciet, irrifjuta li jiehu dan il-parir. Ghalhekk jekk sussegwentement hargu xi diffetti fi tqeghid, ta' dan ghandu jkun responsabbli unikament u esklussivament l-attur, minghajr ebda fattur kontributorju min-naha tas-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, it-tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tal-attur. Bl-ispejjes kontra tieghu.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru